MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2005

Avviz Numru. 202/2005

**Avviz numru 202/05DM**

**Joseph Farrugia (ID no 331457 M) u Geralda Farrugia (ID no 77558 M)**

**Vs**

**Paul Vella (ID no 79545 M) u Gaetana Vella (ID no 940345 M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti, ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, hames mija u sebghin lira Maltin (Lm2,570) rappresentanti bilanc minn somma akbar ta' flus mislufa mill-atturi lill-konvenuti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Settembru, 2004, u bl-imghax legali mit-12 ta' Marzu,

2004, sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut Paul Vella fis-seduta tal-lum prezenzjalment deher u ammetta t-talba attrici.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta li hija gustifikata.

Il-Qorti qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' elfejn, hames mija u sebghin lira Maltin (Lm2,570) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mit-12 ta' Marzu, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------